| | |
|---|---|
| ............................................. | ............................................. |
| Prim Ministru | Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar |
| ............................................. | ............................................. |
| Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija | Chairman<br>Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi |

**A.L. ______ tal-2021**

**ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, u bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Kummerċ u l-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir- Titolu. L.S. 549. 140.

regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem ", għandhom jiġu pprojbiti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem ", għandu jiġi pprojbit:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda mill-1 ta' Jannar 2022, id-distribuzzjoni, konsum jew użu tul attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll jekk tkun mingħajr ħlas, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fit-Taqsima A tal-Iskeda u ta' prodotti magħmula mill-plastik ossodegradabbli għandu jiġi pprojbit.".